MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 24/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Gaetano Tony Refalo**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' bejn 10.30 a.m. u 6.30 p.m., naqas li jaghti l-access tal-minuri Ryan ta' 16-il sena u Rodney ta' 13-il sena lil martu Lauranne Refalo, skond id-digriet numru 1512/2008, datat 12 ta' Settembru, 2008, mahrug mill-Onor Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza appellata ghaliex huma nulli l-proceduri li pprecedew l-istess u tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jerga jsir smiegh skond il-Ligi, jew, alternattivament, thassar u tirrevoka l-istess sentenza w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu nulli peress li parti mill-provi ma nstemghux *viva vo*ce w pubblikament fl-awla izda bil-maghluq fis-sigrieta tal-Magistrat sedenti w fl-assenza tal-appellant. Din ix-xhieda lanqas giet b' xi mod traskritta sabiex hekk inholqot sitwazzjoni fejn l-appellant ma jafx x' gara jew x' intqal fil-kawza fejn hu gie akkuzat u sussegwentement inghata piena restrittiva tal-liberta' tieghu. Imkien fil-ligi ma hemm kontemplata procedura fejn depozzzjoni ta' xhud tinghata b' dan il-mod, hlief fil-kaz tal-*video conferencing* , li pero' xorta tippermetti lill-akkuzat li *a tempo proprio* jisma, jara w anki jaqra x-xiehda moghtija b' dak il-mod. F' dan il-kaz l-appellant gie mcahhad minn dan kollu. B' rizerva li jitlob referenza kostituzzjonali dwar dan il-punt lill-Qorti Civili, Prim' Awla, skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju;

Hadet it-taghrif mehtieg.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li bhala fatt jirrizulta, anki mix-xhieda tal-istess appellant, li meta xehed it-tifel Rodney Refalo fis-sigrieta tal-Magistrat, l-imputat appellant ma kienx prezenti w thalla barra fl-Awla bla ebda possibbilita' li jisma x'qed jinghad u jara x'qed jigri u li dan jammonta ghal difett procedurali sostanzjali li ghandu jaghti lok ghall-annullament tal-proceduri kif ukoll tas-sentenza appellata.

Ikkonsidrat;

Li kif gie registrat fil-verbal fuq imsemmi, kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza jaqblu li l-procedura addottata mill-Qorti tal-Magistrati bl-intenzjonijiet tajba kollha u forsi intizi biex ma jigiex trawmattizzat it-tifel Rodney li kellu jixhed kontra missieru, semghet lill-istess tifel fl-assenza tal-imputat, appellant u li dan jikkostitwixxi ksur sostanzjali procedurali li jaghti lok ghall-annullament kemm tal-proceduri kif ukoll tal-istess sentenza appellata, kif gie deciz f' kaz identiku minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. George Chetcuti"** .[14.6.2007]

Ghalhekk din il-Qorti, konformament ma dan il-qbil, qed tilqa’ l-appell parzjalment billi tannulla s-sentenza appellata fl-intier taghha w tannulla wkoll il-proceduri li pprecedewha w tordna li l-akkuzat, appellant, jerga jitpogga fl-istat li kien immedjatament wara l-qari tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w qabel ma xehed fis-sigrieta tal-Magistrat il-minuri imsemmi, w ghal dan il-ghan qed tirrimetti l-process lill-Ewwel Qorti, anki biex ma tipprivax lill-partijiet kollha mill-beneficcju tad-doppjo ezami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------